# QORTI TAL-APPELL

**Imħallfin**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**
**Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo**
**Onor. Imħallef Anthony Ellul**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta'Ottubru, 2021.**

**Rikors maħluf Numru 606/2006/1 JPG**

**Numru 5**

**John Cassar; Rosaria Cassar armla ta' Giulio Cassar; Jeannette, Amanda u Mario, ulied Giulio Cassar bħala eredi tal-istess Giulio Cassar; u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2009 Emmanuel u Emmanuela Mifsud assumew ukoll l-atti tal-kawża flimkien mal-atturi l-oħra**

***v.***

**Innocent Camilleri**

1. Dawn huma żewġ appelli – dak ewlieni tal-atturi u dak inċidentali tal-konvenut – minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Novembru 2016, li stabbiliet fejn hija l-linja li taqsam il-proprjetà llum tal-atturi Mifsud u dik tal-konvenut u ordnat lill-konvenut sabiex fi żmien xahrejn ineħħi r-radam u l-inġenji tiegħu li jinsabu fil-proprjetà tal-atturi.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tallum huma dawn: b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Nicola Said tad-9 ta' Lulju 1975 l-attur John Cassar u ħuh Gulio Cassar kienu xtraw mingħand Giovanni Cassar porzjon art li tinsab fil-limiti tal-Imqabba fil-kuntrada *Tas-Sejba*. Dan Giovanni Cassar – l-awtur tal-atturi – kien kiseb l-art wara bejgħ b'liċitazzjoni taħt l-awtorità tal-Qorti fit-3 ta' Ġunju 1975. Fis-6 ta' Ottubru 2006, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, l-atturi konjuġi Mifsud xtraw l-art mingħand l-atturi l-oħra.

3. Il-konvenut huwa s-sid ta' biċċa art oħra fl-Imqabba, imsejħa *Fil-Bur tal-Barriera,* li tinsab eżattament maġenb l-art li llum hija tal-atturi konjuġi Mifsud. Din l-art kien xtraha b'kuntratt tat-23 ta' April 1992 fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo.

4. Fl-art kemm tal-atturi u kemm tal-konvenut hemm barriera. Għalkemm fl-imgħoddi kien hemm sinjali li kienu juru l-linja li taqsam iż-żewġ barrieri, jidher li dawn tneħħew meta kienu qegħdin isiru xi xogħlijiet.

5. Billi l-partijiet m'humiex qegħdin jaqblu dwar fejn għandha tkun il-linja bejn l-artijiet, l-atturi fetħu l-proċeduri tallum u talbu illi l-qorti:

> »1) tikkonferma l-linja diviżorja bejn il-barrieri rispettivi proprjetà tal-kontendenti bħala dik stabilita kif tirriżulta mill-atti tal-bejgħ bl-liċitazzjoni tat-3 ta' Ġunju 1975 u fuq liema r-rikorrenti jkunu awtorizzati jtellgħu u jibnu ħajt diviżorju skond il-liġi;
>
> »2) tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi iffissat lilu minn din il-qorti, taħt is-sorveljanza ta' perit nominand, a spejjeż tiegħu, ineħħi kull radam u inġenji mpoġġija minnu jew aġenti tiegħu fuq l-art proprieta tar-rikorrenti, liema radam u inġenji ġew hemm impoġġija mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti jew taħt xi titolu validu fil-liġi;
>
> »3) tawtorizza lir-rikorrenti sabiex, fin-nuqqas, jagħmlu dawk ix-xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex jitneħħa r-radam u inġenji impoġġija mill-intimat jew aġenti tiegħu fuq l-art proprjetà tagħhom u dan taħt id-direzzjoni u sorveljanza ta' l-istess perit nominad, a spejjeż tal-intimat.

6. Il-konvenut wieġeb hekk:

»1. … … …

»2. … għalkemm huwa korrett li jingħad li r-rikorrenti akkwistaw minn għand Giovanni Cassar, l-esponenti jikkontendi li fl-isqaq msemmi huwa għandu dritt ta' aċċess għar-raba' / barriera tiegħu. Jingħad li ġie deċiż permezz taċ-ċitazzjoni numru 41/00 li fl-isqaq għandu dritt ta' aċċess ukoll l-esponenti, Innocent Camilleri, u għalhekk għandu il-pussess tal-isqaq u jagħmel użu minnu regolarment.

»3. … ir-rikors promotur huwa korrett meta jirreferi għall-akkwist tal-esponenti tal-għalqa msejjħa *Fil-Bur tal-Barriera*. L-esponenti jaqbel ukoll mal-kejl però jsostni li l-pjanta annessa ma tindikax eżattament il-konfini … … …;

»4. L-esponenti ma jaqbilx li l-pjanta annessa mal-atti tal-liċitazzjoni tindika sewwa fejn huma l-konfini bejn il-kontendenti u jsostni li għandhom jiġu visjonati pjanti governattivi għal dan il-għan, peress li nkella tittieħed art minn għalqa oħra adjaċenti dik tal-esponenti … … …;

»5. Il-materjal li qed isemmi r-rikorrenti jinsab kollu fuq art tal-esponenti u ġew imqegħda hemm minn terzi xi tlettax-il sena ilu, mhux mill-esponenti.

»6. L-inġenji li għandu l-esponenti jinsabu ġol-konfini tal-għalqa tiegħu mhux kif qed jallegaw ir-rikorrenti.

»7. L-esponenti huwa ben dispost li jiġi stabbilit il-konfini bejn il-partijiet fil-kawża. Tant hu hekk li kien resaq tliet darbiet biex dan isir, mingħajr suċċess, għax ir-rikorrenti qatt ma qablu mal-pjanti tal-gvern. Fil-fatt l-esponenti għamel minn butu *survey* u ta' dan ta kopja lil ċertu Emanuel Mifsud u lil John Cassar.

»8. Anki meta nġieb il-Perit Randolph Bartoli, a spejjeż tal-esponenti, ma ntlaħaqx ftehim u l-konfini ma ġewx stabbiliti bonarjament.

»9. L-esponenti ma għandux oġġezzjoni li jiġu stabbiliti l-konfini bejn il-partijiet u l-għelieqi tagħhom. Huwa dejjem kien dispost li dan isir u għalhekk m'għandux ibati spejjeż ulterjuri jew ibati spejjeż ta' ħajt diviżorju.

»10. It-talbiet hawn imsemmija fil-fatt ġà kienu mertu ta' kawża oħra mir-rikorrenti, numru 458/01 GV, li kienet ġiet minnhomi mħollija tmur deżerta.«

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»… … … filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat għajr id-disa' eċċezzjoni li qed tintlaqa' *in parte* waqt li … tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni:

»1. tilqa' *in parte* l-ewwel talba tar-rikorrenti u tistabilixxi l-linja diviżorja skont kif tidher fil-pjanta annessa mar-rapport tal-perit tekniku (*fol.* 81) liema linja diviżorja hija mmarkata bil-kulur blu; u

»2. tilqa' *in parte* it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti u tordna illi li x-xogħlijiet mitluba għandhom isiru fi żmien xahrejn a spejjeż tal-kontendenti taħt is-sorveljanza tal-Perit Godwin Abela, u jiġu mneħħija r-radam u l-inġenji mill-intimat li jinsabu *oltre* l-linja diviżorja hekk kif stabbilita mill-qorti. Fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa *cioè* t-tneħħija tal-istess radam u inġenji taħt id-direzzjoni u s-sorveljanza tal-Perit Godwin Abela, a spejjeż tal-intimat.

»Il-qorti tagħraf illi jkun għaqli, fiċ-ċirkostanzi, illi l-ispejjeż jiġu diviżi bejn il-partijiet.»

8. Safejn huma rilevanti għall-appelli tal-partijiet, il-konsiderazzjonijiet li wasslu għad-deċiżjoni tal-ewwel qorti ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Fir-relazzjoni tiegħu, il-Perit Abela sab:

»1) illi permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Lulju 1975 fl-atti tan-Nutar Nicola Said l-attur u ħuh akkwistaw mingħand Giovanni Cassar l-għalqa magħrufa bħala *Tas-Sejba*, in parti ġà barriera, tal-kejl ta' ċirka tmient itmien (8,992 metri kwadri), inkluż sqaq tul il-konfini tal-għalqa li jifforma parti integrali mill-istess għalqa;

»2) illi Giovanni Cassar kien akkwista parti minn ħames partijiet tal-imsemmija għalqa *sub hasta* u l-pjanta (*site plan*) tal-għalqa in kwistjoni kienet saret mill-Perit Renato Laferla debitament inkarigat mill-qorti;

»3) illi permezz ta' kuntratt datat 23 ta' April 1992 fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius, il-konvenut akkwista mingħand Rev. Patri Giulio Bonnici l-art magħrufa bħala *Il-Bur tal-Barriera* tal-kejl ta' ċirka 7,587 metri kwadri; l-istess kuntratt jindika li d-dħul għal din l-art kien minn ġo passaġġ fil-konfini tax-xlokk tal-istess art;

»4) illi l-pjanta tal-art hawn fuq imsemmija kienet annessa mal-kuntratt u esibita fl-atti;

»5) illi l-konvenut esibixxa pjanta rizultanti minn *survey* maghmula minn Clement Azzopardi li, skond il-konvenut, turi l-konfini tal-art akkwistata minnu; din is-*survey* tirrifletti in parti l-pjanta annessa mal-kuntratt tal-akkwist tal-konvenut; il-konfini tal-punent muri fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt ma jaqbilx mal-istess konfini muri fuq is-*survey* ta' Clement Azzopardi;

»6) illi l-kejl superfiċjali tal-art tal-konvenut, ta' 7,587 metri kwadri indikat fuq is-*survey* ta' Clement Azzopardi, fil-fatt mhux korrett peress illi verifika tal-istess *survey* b'mod diġitali ġiet tindika kejl superfiċjali ta' 7,666 metri kwadri u *cioè* 79 metri kwadri aktar;

»7) illi l-konvenut esibixxa wkoll pjanta oħra magħmula mill-Perit Randolph Bartoli li turi biċċ'art tal-kejl komplessiv ta' 7,020 metri kwadri, liema pjanta però m'għandhiex l-istess konfigurazzjoni u l-anqas l-istess kejl tal-art murija fil-pjanta jew *survey* preċedenti;

»8) illi s-*survey* li għamel l-esponent mas-*surveyor* nominat mill-qorti qed tiġi esibita mmarkata Dok A;

»9) illi sabiex jiġu indikati aħjar liema artijiet jiffurmaw mertu ta' din il-kawża, Perit Abela esibixxa pjanta mmarkata Dok B li fiha hemm muri bl-aħdar dik l-art li tagħha l-konvenut esibixxa l-pjanta deskritta f'paragrafu (6) u li m'għandha x'taqsam xejn mal-kawża, bl-aranċjo l-art akkwistata mill-konvenut u deskritta f'paragrafu (3) u bl-aħdar skur l-art akkwistata mill-atturi u deskritta f'paragrafu (1);

»10) illi din il-pjanta hawn fuq deskritta hi riżultat ta' superimpożizzjoni b'metodu diġitali tas-*survey* magħmula mill-Perit Abela fuq is-*survey sheet* ufficjali minn fejn setgħu jigu definiti l-konfini tal-art tal-attur u verifikat il-kejl superfiċjali tal-istess art kif ukoll l-art u l-konfini tal-konvenut;

»11) illi jirriżulta li, kif jidher mill-istess pjanta, fuq in-naħa tal-punent il-linja diviżorja taqbel però fuq in-naħa tal-lvant hemm diskrepanza żgħira f'forma ta' *overlapping*; fiz-żewġ każi din id-diskrepanza taqa' fil-limitu stabbilit u aċċettat ta' *plus or minus* 5% tal-kejl superfiċjali taż-żewġ biċċiet art.

»Il-Perit Godwin Abela għalhekk ikkonkluda:

»I. li l-eżerċizzju li sar jindika b'mod pjuttost preċiż li l-artijiet tal-attur u tal-konvenut huma korretti fil-kejl indikat fil-kuntratti tal-akkwist rispettivi;

»II. illi, fin-nuqqas ta' pjanti dettaljati taż-żewġ artijiet tal-kontendenti qabel ma ġew mittifsa u fin-nuqqas ta' ħitan diviżorji jew sinjali oħra fejn kien darba jeżisti ħajt diviżorju bejn l-istess artijiet, trid tiġi stabbilita linja diviżorja, liema linja qed tiġi indikata bil-blu skur fuq il-pjanta annessa mmarkata Dok B;

»III. illi din il-linja trid tiġi stabbilita mill-fatt illi minn naħa tal-punent il-konfini ġew jaqblu u jiltaqgħu f'punt komuni waqt li minn naħa tal-lvant kien hemm *overlapping* żgħir tal-artijiet u allura ġie addottat il-prinċipju tal-punt medjan fejn il-linja ittieħdet f'nofs l-*overlapping*. Sabiex ma jkunx hemm tfixkil jew ċaqliq ulterjuri, ġew mogħtija erba' punti marbutin bil-*geographical coordinates*, minn fejn għandha tgħaddi l-linja diviżorja murija bil-blu skur, dawn il-punti, A, B, C u D huma indikati fuq il-pjanta.

»… … …

»Fit-tieni relazzjoni tiegħu il-Perit Godwin Abela sema' is-segwenti xhieda:

»Anthony Abdilla, prodott mill-atturi, xehed illi hu *accountant* u li l-attur Ganni Cassar sar klijent tiegħu f'1976 sena wara li flimkien ma ħuh, il-mejjet Ġilju Cassar, xtraw art biex iqattgħuha bħala barriera. Xehed illi hu mar fuq il-post diversi drabi u li l-aċċess għal ġol-art hu permezz ta' sqaq minn Triq is-Sejba. Xehed ukoll illi l-atturi kellhom kamra ġol-art tagħhom li kienu jżommu l-għodda fiha.

»Anthony Abdilla xehed illi l-atturi bnew rampa biex jinżlu minn gol-isqaq għal ġol-barriera tagħhom u din ir-rampa kienet adjaċenti mal-proprjetà tal-konvenuti fejn kien hemm biċċ'art li ma setgħetx titqatta' peress li ma kienx hemm aċċess għall-inġenji. Xehed illi l-atturi poġġew travu tal-ħadid fid-djagonali bejn l-appoġġ u l-isqaq għar-raġunijiet ta' manuvrabiltà u sikurezza u li dan it-travu għadu hemm sallum.

»Anthony Abdilla xehed dwar id-diversi konċessjonijiet li għamlu l-aħwa Cassar ma' terzi biex titqatta' l-barriera proprjetà tagħhom u li dan ix-xogħol baqa' sejjer sa 1990. Xehed ukoll illi l-aħħar konċessjonarju u *cioè* Andrew Garnisi kien jgħaddi minn fuq il-barriera li llum proprjetà tal-konvenuti biex jasal għall-barriera ta' Cassar. Eventwalment Ġilju Cassar biegħ is-sehem indiviż tiegħu lil Emanuel Mifsud.

»Anthony Abdilla xehed illi rigward il-linja diviżorja ta' bejn il-proprjetajiet tal-partijiet f'din il-kawża, kien għamel referenza għal diversi *surveys* antiki kif ukoll attenda diversi laqgħat mal-konvenuti sabiex jispjegalhom li huma kienu qegħdin jinterpretaw biss is-*survey* li għamel Clement Azzopardi imqabbad minnhom stess u li din is-*survey* kienet tvarja konsiderevolment mis-*surveys* il-qodma. Xehed illi minkejja diversi laqgħat mal-konvenuti ma

kinux waslu f'soluzzjoni. Xehed illi kien qed jesibixxi s-superimposizzjoni li għamel il-Perit Bartoli tas-*survey sheet* uffiċjali fuq is-*survey* ta' Clement Azzopardi, liema pjanta, skond ix-xhud, iddefiniet il-konfini kollha inkluż il-punt fejn kien ġie infilzat it-travu.

»L-attur Emanuel Mifsud esibixxa kopja tal-pjanta annessa mal-kuntratt tal-akkwist tiegħu meta xtara s-sehem indiviz ta' Ġilju Cassar.

»Il-Perit Randolph Bartoli xehed illi kien ġie mqabbad jivverifika xi konfini f'barriera fl-Imqabba u li kellu jqabbel xi qisien fuq pjanta mhux magħmula minnu ma qisien fuq il-post. Xehed ukoll li ma kellu ebda rekord ta' dan l-inkarigu.

»Andrew Garnisi, prodott mill-atturi, xehed illi hu kien jaħdem il-barriera tal-attur John Cassar u li kien jasal għaliha minn ġo sqaq. Biex jinżel għal ġol-barriera li llum hi proprjetà tal-konvenuti kien jidħol minn ġo rampa minn Triq is-Sejba, ma kienx jaf ta' minn kienet, kien jaf però li din il-barriera kien qed jaħdimha Salvu Zahra. Xehed ukoll illi bejn il-barriera tal-atturi u dik tal-konvenuti ma kienx jeżisti ħajt jew marki peress illi l-foroħ kien qed jitkisser ukoll. Xehed illi l-konvenut kellu xi żewġt ikmamar aktar 'l isfel mill-isqaq.

»Salvu Zahra, prodott mill-atturi, xehed illi hu kien jaħdem il-barriera ta' Ġilju Cassar li llum hi proprjetà tal-konvenuti u li l-aċċess kienet rampa direttament minn Triq is-Sejba. Xehed li wara din il-barriera kien hemm barriera oħra wkoll proprjetà tal-aħwa Cassar. Bejn il-barrieri kien hemm mgħodija li għamluha l-aħwa Cassar. Xehed illi, mal-ħajt tal-barriera fejn kien hemm il-mgħodija, kien hemm travu fil-ħajt biex ikunu jistgħu jduru t-trakkijiet l-isfel għal ġol-barriera. Xehed illi fuq naħa waħda tat-travu, fl-arja tal-barriera tal-konvenut, kienu jidhru d-daqqiet tal-baqqun waqt li fuq in-naħa l-oħra tat-travu kienu jidhru d-daqqiet tas-sega fil-barriera ta' Cassar. Xehed ukoll illi r-rampa 'l isfel kissirha hu wara li ftiehem ma Ġilju Cassar.

»Joe Psaila, prodott mill-atturi, xehed illi kien ħadem flimkien ma' Salvu Zahra fit-tqattigħ tal-barriera ta' Ġilju Cassar li llum kienet proprjetà tal-konvenuti. Xehed illi fil-bidu kienu jidħlu minn fuq, imbagħad għamlu rampa 'l isfel li kienu jużaw wkoll l-aħwa Cassar biex jidħlu fil-barriera tagħhom. Xehed illi bejn iż-żewġ barrieri kien hemm sinjali mal-ħitan biex jindikaw fejn tkisser bil-baqqun u fejn tkisser bil-makkinarju. Xehed illi ħdejn il-passaġġ kien hemm travu tal-ħadid imdaħħal fil-ħajt biex ikunu jistgħu jduru t-trakkijiet.

»Il-konvenuta Doris Camilleri xehdet illi f'1987 flimkien ma żewġha Innocent, kienu akkwistaw b'titolu ta' qbiela l-għalqa li tissejjaħ *Il-Bur Tal-Barrieri* bi ftehim ma' Salvu Zahra li kien għadu kemm spiċċa jqattagħha. Xehdet illi f'1992 hi u żewgha xtraw l-istess għalqa li kellha kejl superfiċjali ta' 7,587 metri kwadri.

»Doris Camilleri xehdet illi għall-perijodu ta' seba' snin ħallew li jintefa' terrapin ġol-barriera u dan sa fejn kien jasal it-tarf tal-proprjetà tagħhom u mhux fil-proprjetà tal-aħwa Cassar li kienet tmiss ma tagħhom.

»Doris Camilleri xehdet illi fir-rikors ġuramentat tal-kawża odjerna l-atturi ddikjaraw li l-proprjetà tagħhom għandha kejl ta' ċirka 8,992 metri kwadri waqt li, fil-bejgħ b'liċitazzjoni li permezz tiegħu l-atturi akkwistaw il-proprjetà tagħhom, il-Perit Renato Laferla ddikjara l-kejl superfiċjali kien ta' ċirka 8,827.18 metri kwadri u *cioè* 164.82 metri kwadri anqas minn dak dikjarat fir-rikors ġuramentat. Xehdet ukoll illi meta l-attur Emanuel Cassar xtara sehem ta' nofs indiviż f'din l-għalqa li kien jappartjeni lill-eredi ta' Ġilju

Cassar, il-kejl superfiċjali dikjarat kien ta' 8,570.18 metri kwadri u *cioè* 421.82 metri kwadri anqas minn dak dikjarat fir-rikors ġuramentat.

»Doris Camilleri xehdet illi b'referenza għar-relazzjoni ppreżentata mill-perit tekniku hi ma qablitx mal-konklużjonijiet għaliex fil-fehma tagħha, waqt li l-perit ħadem fuq il-kejl korrett fil-konfront tal-kejl superfiċjali tal-għalqa tagħhom, ħadem fuq il-kejl mhux korrett fil-konfront tal-kejl superfiċjali tal-għalqa tal-atturi u *cioè* ta' 8,992 metri kwadri meta dan fil-fatt kien anqas.

»Doris Camilleri xehdet ukoll illi mhux minnu li l-linja diviżorja tinsab fejn hemm it-travu tal-ħadid; fil-fatt din il-linja qegħda madwar sittin pied aktar 'l isfel.

»Il-konvenut Innocent Camilleri xehed illi kien qara l-affidavit ta' martu Doris u kkonferma l-kontenut tiegħu kollu.

»Fir-relazzjoni ulterjuri tiegħu il-perit tekniku kkonkluda:

»• illi l-ewwel talba attrici għandha tiġi milqugħa b'dan illi l-linja diviżorja għanda tiġi stabbilita skond il-kriterji adottati u l-konklużjonijiet tal-ewwel relazzjoni li f'dan l-istadju qed tiġi kkonfermata minnu mingħajr ebda tibdil;

»• illi rigward it-tieni u t-tielet talbiet attriċi għat-tneħħija tar-radam u inġenji li jinstabu fuq il-post, din għandha tiġi milqugħa wara li tiġi stabbilita l-linja diviżorja sabiex jista jiġi individwat eżattament f'liema porzjonijiet jinstab tali radam u inġenji abbandunati;

»… … ….

»Huwa prinċipju kostantament abbraċjat fil-ġurisprudenza tal-qrati Maltin illi r-rapport ta' perit tekniku ma jiġix faċilment skarat. … … …

»… … …

»Rigward l-oneru ta' prova f'dawn it-tip ta' azzjonijiet, ġie irrilevat fis-sentenza fl-ismijiet <u>Victor Mangion *et v.* Raphael Aquilina *et*</u> deċiża minn din il-qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Marzu 2005 illi:

> »"[m]ill-istess natura ta' azzjoni bħal din, iż-żewġ kontendenti huma bla dubju gravati bil-prova li jiddemostraw l-estensjoni tal-fond rispettiv tagħhom. Hawnhekk ma japplikax il-prinċipju *actore non probante, reus absolvitur* in kwantu *stante* l-karattru *vindicatio duplex incertæ partis*, il-konfini jrid jiġi determinat in relazzjoni għal dawk l-elementi probatorji li jkunu jidhru attendibbli."

»Ikkonsidrat;

»Permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrent iridu li tiġi kkonfermata l-linja diviżorja ta' bejn il-barrieri rispettivi tal-partijiet bħala dik li tirriżulta mill-atti tal-bejgħ ta' liċitazzjoni … … … L-intimat, għalkemm qabel li għandha tiġi stabbilita finalment il-linja diviżorja bejn l-istess barrieri, ma qabilx illi din il-linja tinsab fejn qed jgħidu r-rikorrenti.

»Il-qorti għalhekk kienet ħatret lil Perit Godwin Abela bħala perit tekniku sabiex jassistiha fil-materja teknika tad-delinjament tal-linja diviżorja ta' bejn il-barrieri tal-kontendenti. Il-perit tekniku sema' x-xhieda u ħa konjizzjoni tal-provi prodotti quddiemu iżda rriżulta li l-aħjar mod sabiex tiġi stabbilita l-linja divizorja kien billi jitqabbad *surveyor* u jsir *survey*, u għal dan il-għan kien ġie maħtur is-*surveyor* Noel Azzopardi. Il-perit tekniku kkonkluda illi l-linja diviżorja riedet tiġi stabbilita mill-fatt illi l-konfini ġew

jaqblu minn naħa tal-punent u jiltaqgħu f'punt komuni, mentri minn naħa tal-lvant kien hemm *overlapping* zgħir tal-artijiet, u għalhekk addotta l-prinċipju tal-punt medjan fejn il-linja diviżorja ittieħdet f'nofs l-*overlapping*.

»Il-partijiet ma qablux ma' din il-konklużjoni u għalhekk il-qorti kienet ordnat illi l-perit jerġa' jisma' lill-partijiet mill-ġdid u jekk ikun il-każ jerġa' jirrelata. Fir-relazzjoni ulterjuri tiegħu … l-istess perit tekniku żamm ferm mal-konklużjonijiet illi laħaq fl-ewwel rapport redat minnu.

»Wara li eżaminat l-atti, hija l-fehma konsiderata ta' din il-qorti illi l-partijiet ma ressqu l-ebda raġunijiet illi jpoġġu fid-dubbju l-opinjoni teknika tal-perit u jinduċuha illi tiskarta l-konklużjonijiet raġġunti minnu. Dan jidher ċar mir-risposti in eskussjoni tal-perit tekniku … … …

»Apparti minn hekk, il-qorti rat illi waqt l-aċċessi li saru mill-perit tekniku, il-perit ikkonstata illi fl-ewwel aċċess "...ħadd ma seta' jindika fejn kien il-ħajt diviżorju ta' bejn il-barrieri" u fit-tieni aċċess wkoll "ħadd ma seta' jindika b'mod preċiz fejn kienet il-linja diviżorja fuq il-konfini tal-punent li wara kollox kien il-konfini li fuqu hemm il-kontestazzjoni …" Barra minn hekk, il-perit tekniku spjega illi x-xhieda jagħmlu referenza għal punti mhux immarkati u allura dejjem approsimattivi u xehdu biss mill-memorja skont dak li setgħu jiftakru.

»Il-qorti tikkondividi pjenament il-konklużjoni tal-perit tekniku illi l-metodu ta' kif kienu qed jitqattgħu il-barrieri m'huwiex prova ċara u konklużiva tal-konfini tal-barrieri, peress illi kif intqal mill-perit tekniku fir-risposta in eskussjoni "… dan ma jfissirx li qattgħu hekk ġo tagħhom biss".

»Il-perit tekniku spjega fir-risposta in eskussjoni wkoll li s-*survey* huwa importanti għaliex distanzi mkejjlin minn *aerial photographs* huma approssimattivi u għalhekk *survey* jagħti riżultati aktar preċizi.

»Il-qorti tinnota illi l-ebda waħda mill-partijiet ma ressqet xi prova teknika f'dawn il-proċeduri u għalhekk il-qorti m'hijiex f'posizjoni li tipparaguna xi opinjonijiet tekniċi diverġenti. Wara li rat l-atti kollha l-qorti tqis illi l-konklużjonijiet raġġunti mill-perit tekniku huma għal kollox raġonevoli u ma tressqet l-ebda raġuni valida u serja li twassal lill-qorti biex tissostitwixxi i-ġudizzju tagħha għal dak tekniku … … …

»Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimat, il-qorti tagħraf illi għad hemm kawża pendenti bejn il-partijiet fir-rigward tad-dritt ta' aċċess vantat mill-intimati (ċitazz. nru 605/2006/1) u għalhekk ma jkunx għaqli li din il-qorti tagħmel xi pronunzjament f'dawn ir-rigward, speċjalment ikkonsidrat illi din il-kawża hija strettament intiża sabiex tiġi stabbilita l-linja diviżorja li tifred il-barrieri tal-partijiet.

»Għar-rigward tad-disa' eċċezzjoni l-qorti tagħraf illi waqt illi l-intimat qatt ma kellu oġġezzjoni li tiġi stabbilita l-linja diviżorja bejn il-proprjetà tal-kontendenti, huwa baqa' jippretendi għal tali diviżjoni u ma jbatix l-ispejjeż.

»Il-qorti tqis, meħud in konsiderazzjoni dak kollu stabbilit mill-perit, illi l-intimat ma wera l-ebda raġuni valida il-għaliex huwa (l-intimat) mgħandux ibati parti mill-ispejjeż għall-diviżjoni li tibbenefika lilu ukoll.

»Permezz tal-għaxar eċċezzjoni tiegħu, l-intimat eċċepixxa illi t-talbiet tar-rikorrenti kienu diġà mertu ta' kawża oħra intavolata mir-rikorrenti li kienet minnhom tħalliet tmur deżerta. Għalkemm ma jidhirx illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-intimati qed iqajjem l-eċċezzjoni ta' *res judicata*, il-qorti tirrileva illi, anke li kieku, tali eċċezzjoni ma jista' jkollha l-ebda suċċess peress illi ma kien hemm l-ebda sentenza finali li ddisponiet mill-mertu.«

9. L-atturi appellaw b'rikors tal-14 ta' Diċembru 2016 li għalih il-konvenut wieġeb, b'appell inċidentali, fis-26 ta' Jannar 2017. L-atturi wieġbu għall-appell inċidentali fit-23 ta' Frar 2017. Kemm l-appell ewlieni tal-atturi kif ukoll dak inċidentali tal-konvenut jolqtu l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel qorti.

10. Fl-appell tagħhom l-atturi jargumentaw illi l-ewwel Qorti ma jmisshiex straħet biss fuq ir-relazzjoni tal-perit tekniku iżda kien imissha tat aktar importanza lill-*aerial photo* li jinsab *a fol.* 89 tal-proċess, ritratt li fil-fehma tagħhom huwa "l-qofol tal-vertenza u li fuqu l-qorti setgħet tistrieħ biex a bażi tiegħu tasal għad-deċiżjoni korretta fejn hija l-linja diviżorja". Igħidu wkoll illi dan ir-ritratt "juri ċarament fejn tibda proprjetà u tispiċċa oħra". Iżidu jgħidu li l-linja diviżorja ma tirriżultax biss minn dan ir-ritratt iżda tirriżulta u hija korroborata wkoll mix-xhieda *viva voce* li tressqu quddiem il-perit tekniku li indikaw – kemm fix-xiehda tagħhom u anke fuq il-post – liema kienu l-marki li minn dejjem kienu meqjusa bħala l-marki li juru l-linja li taqsam iż-żewġ proprjetajiet.

11. L-atturi komplew ifissru l-ewwel aggravju tagħhom hekk:

> »Il-kawża odjerna hija … *actio finum regundorum* … … …
>
> »… … …
>
> »Mill-provi miġbura jirriżultaw bl-aktar mod ċar u lampanti fatti importanti biex tiġi stabbilita l-linja diviżorja bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti li l-ewwel qorti naqset milli tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuqhom.
>
> »Mill-provi jirriżulta l-punt fuq naħa taż-żewġ barrieri fejn hemm marki ċari li jindikaw fejn tibda proprjetà u tispiċċa oħra.
>
> »Jekk issir riferenza għal *fol.* 89 tal-proċess, hemm *aerial photograph* li fih jidher razzett, *ossia* struttura. Mill-kuntratti esebiti mill-atturi appellanti, dan ir-razzett jifforma parti mit-terren li kienu akkwistaw l-*aventi causa* [*recte*, l-awturi] tal-atturi. L-aċċess għal dan ir-razzett, jew struttura, kien minn passaġġ li wkoll jidher fl-istess ritratt.

»Dan ir-ritratt huwa l-qofol tal-vertenza u li fuqu l-qorti setgħet tistrieħ biex a bażi tiegħu tasal għad-deċiżjoni korretta fejn hija l-linja diviżorja. Dokument importanti illi kemm il-qorti, kif ukoll il-perit tekniku għażlu li jiskartaw kompletament u dan a detriment tal-atturi appellanti.

»Dan ir-ritratt ittieħed fl-1967, fejn fir-ritratt jidher il-barriera proprjetà ta' Camilleri, ossija l-appellat, li diġà kienet tħaffret, fil-waqt li l-art fejn illum hemm il-barriera tal-appellanti ma kinetx għadha bdiet titqatta'.

»Dan ir-ritratt għandu importanza kbira għaliex juri ċarament fejn tibda proprjetà u tispiċċa oħra, peress li l-barriera ta' Camilleri kienet tqattgħet ferm qabel ma bdiet titqatta' l-barriera ta' Cassar, illum proprjetà ta' Mifsud.

»Dan il-fatt ma jirriżultax biss mir-ritratt in kwistjoni, iżda jirriżulta u kkorroborat ukoll mix-xhieda *viva voce* li tressqu quddiem il-perit tekniku li lkoll kienu persuni li ħadmu fil-barriera tul ż-żminijiet u li indikaw kemm fix-xiehda tagħhom, u anke fuq il-post liema kienu l-marki li minn dejjem kienu meqjusa bħala l-marki li juru l-punt fejn tispiċċa proprjetà u tibda oħra.

»Issir riferenza għax-xiehda mogħtija minn Emanuel Mifsud li huwa persuna midħla sew tal-post, fejn irrefera għal Dok JC1 u indika li huwa għaraf il-post peress li għandu biċċa art fuq il-lemin tad-dokument. Jgħid li meta kienu għadhom fil-wiċċ kienu jaċċedu minn ġo sqaq li jdiher f'nofs żewġ sqaqien oħra fir-ritratt. Jgħid li kien ilu jaf iż-żona għal disgħa u għoxrin sena jew tletin sena. Jenfasizza li l-konfini tal-art tal-appellat timxi mal-konfini tal-art tiegħu, u mit-travu fl-isqaq fuq il-lemin kważi linja dritta għal mal-ħajt l-għoli fuq ix-xellug fejn hemm fetħa li qabel kienet twassal għall-mogħdija. Ix-xhud indika li dan ir-ritratt kien ittieħed għall-ħabta tas-sena 1988.

»Ix-xhud Mifsud kompla jispjega li bejn il-barriera tal-appellanti u tal-appellati kien hemm rampa u biċċa blat imħollija fin-nofs u dawn kienu qegħdin jitkissru f'daqqa. Enfasizza li l-blata li kien qiegħed ikisser Zahra kienet fl-art ta' Cassar u eżatt tmiss ma' tal-appellati.

»Ta' min isemmi wkoll ix-xiehda ta' Salvu Zahra, fejn qal li huwa kien jaħdem bħala barrier f'*tas-Sejba* limiti tal-Imqabba. Kien ħa din il-barriera mingħand Ġilju Cassar, kien jidħol għall-barriera direttament minn Triq is-Sejba permezz ta' rampa li għadha hemm. Jgħid li wara din il-barriera kien hemm barriera oħra, proprjetà wkoll tal-aħwa Cassar, u bejn il-barrieri kien hemm mogħdija li kienu għamluha l-aħwa Cassar.

»Ix-xhud kien indika li bejn il-barrieri hemm il-faċċata bid-daqqiet tal-baqqun li kienet parti mill-għalqa tal-konvenuti; ir-rampa kien kissirha dan ix-xhud Salvu Zahra. Jgħid li mal-faċċata kien hemm travu fil-ħajt ħdejn il-mgħodija u dan sar biex ikunu jistgħu jduru t-trakkijiet 'l isfel għal ġol-barriera. Wara t-travu l-wiċċ jidher bid-daqqiet tas-sega; id-differenza fid-daqqiet jidhru.

»Il-konvenuta appellata [*recte*, mart il-konvenut] stess fil-kontro-eżami tagħha stqarret li l-barriera tagħhom kienet ilha titqatta', u li l-barriera tal-atturi appellant kienet għadha ma bdietx titqatta'.

»Fix-xiehda tiegħu, Anthony Abdilla rrefera għar-relazzjoni u deskrizzjoni ta' parti mill-barriera redatta mill-Perit Renato Laferla, li fiha hemm indikazzjoni ċara tal-kmamar li kienu jeżistu. Ta' min isemmi l-fatt ukoll indikat minn Anthony Abdilla fl-*affidavit* tiegħu li s-*survey sheets* tas-sena 1968 u 1900s juru biċ-ċar li ma jaqblu xejn mas-*survey* li ġie ppreparat minn Clement Azzopardi li wkoll jinsab in atti.

»Fatti importanti li l-perit tekniku jindika fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-12 ta' Jannar 2016, *a foll.* 241 *et seq.*, eżattament fil-paġna 10 u 11 tar-relazzjoni (*foll.* 250 u 251), huma t-travu tal-ħadid li tpoġġa biex iservi għar-rinforza tar-rampa kif ukoll il-parti tal-ħajt tal-barriera fil-proprjetà tal-appellanti li tindika l-qtugħ tal-ġebel bis-sega u l-parti fil-proprjetà ta' Camilleri li l-ġebel tqatta' bil-baqqun.

»Minkejja li dan il-fatt ġie ppruvat bl-aktar mod ċar, u minkejja li l-perit kien ben informat dwar dan il-punt, il-perit u l-ewwel qorti għażlu li jiskartaw għal kollox dan il-punt fejn qabel kien hemm ir-razzett u li fir-ritratt hawn fuq ċitat kien il-punt li jifred iż-żewġ proprjetajiet.

»Il-konklużjoni tal-ewwel qorti li skartat għal kollox dawn il-marki daqstant impellenti, u li bl-aktar mod ċar jindikaw fuq in-naħa tal-punent ta' dawn il-barrieri, fejn hemm il-linja diviżorja bejn iż-żewġ barrieri, huwa nuqqas gravi li wassal biex jiġi kkawżat preġudizzju serju fil-konfront tal-appellanti li jekk is-sentenza tal-ewwel qorti tiġi kkonfermata u *cioè* tiġi kkonfermata l-linja kif deċiża, l-appellati se jakkwistaw għas-skapitu tal-appellanti parti mill-proprjetà tal-istess appellanti.

»Isegwi għalhekk illi l-ewwel qorti kellha quddiemha provi li jikkonfermaw fatti li a bażi tagħhom setgħet tasal għal konklużjoni 'l hinn minn dak li wasal għaliha l-perit, u għalhekk il-fatt li straħet biss fuq il-konklużjoni tal-perit li skarta għal kollox provi li ġew preżentati quddiemu li jindikaw b'mod ċar marki importanti li jistabbilixxu fejn għandha tkun il-linja diviżorja. Konsegwenza ta' dan, il-linja stabbilita mill-ewwel qorti tikkostitwixxi nuqqas li se jippreġudika u jilledi d-drittijiet ta' proprjetà tal-appellanti.

»Għalhekk l-atturi appellanti qegħdin jissottomettu illi l-linja diviżorja bejn iż-żewġ proprjetajiet m'għandhiex tkun dik indikata fis-sentenza tal-ewwel qorti iżda għandha tkun bejn il-punt fejn hemm it-travu imsemmi f'diversi xiehda fejn dan huwa mqabbad mal-blat fuq in-naħa ta' ġewwa tas-sit u kif deskritt fir-relazzjoni tal-perit fuq in-naħa tal-punent li jagħti għan-naħa l-oħra tal-barrieri fejn indikat mill-istess perit fil-pjanta imħejjija u ċitata mill-ewwel qorti fis-sentenza tagħha.«

12. Komplew imbagħad bit-tieni aggravju li fissruh hekk:

»It-tieni aggravju jikkonsisti filli l-ewwel qorti naqset milli tagħti l-piż xieraq lid-diversi xhieda li nstemgħu fil-kors ta' din il-kawża u għażlet li tistrieħ fuq relazzjoni li wkoll naqset milli tieħu in konsiderazzjoni provi esebiti quddiem il-perit tekniku.

»Fil-kawża odjerna, kif jirriżulta mill-atti, kien ġara li l-Perit Abela, mingħajr ma tressqu xhieda, kien għadda biex jagħmel relazzjoni illi in segwitu tagħha l-appellanti kienu talbu li ssir relazzjoni ulterjuri u dan wara li jinstemgħu xhieda *viva voce*, li bi preċiżjoni setgħu jindikaw fuq is-sit u fuq pjanti u *aerial photographs* li jinsabu in atti, fejn kienet il-linja li tifred iż-żewġ barrieri tal-kontendenti.

»Minkejja li fl-atti tal-kawża tressqu dawn il-provi kollha, li b'mod ċar jispjegaw fejn kien il-punt fejn kienet tinsab il-linja diviżorja bejn dawn iż-żewġ proprjetajiet, dawn ġew għal kollox skartati, u s-sentenza tal-ewwel qorti ddeċidiet li l-punt minn fejn għandha tibda l-linja diviżorja bejn iż-żewġ barrieri tiġi indikata diversi metri 'l ġewwa għal ġol-proprjetà tal-appellanti.

»Fis-sottomissjonijiet li saru mill-appellanti quddiem l-ewwel qorti, l-appellanti ssottomettew bi preċiżjoni fejn kellha tiġi indikata l-linja diviżorja u indikaw ir-raġunijiet li juru li l-linja kif indikata mill-perit tekniku kienet żbaljata a bażi tal-provi hawn fuq imsemmija. Minkejja li dan il-fatt ġie sottolineat ripetutament mill-appellanti, fis-sentenza, għalkemm il-qorti għamlet riferenza għax-xhieda mismugħa mill-Perit Abela, għaddiet biex tiddeċiedi li tiskarta għal kollox xhieda li jindikaw marki ta' importanza u li effettivament jiddeterminaw fejn kien il-punt minn fejn tibda l-linja diviżorja bejn iż-żewġ barrieri.

»Jiġi nnotat illi minkejja li l-Perit Godwin Abela sema' diversi xhieda, għamel aċċessi fuq il-post u ġabar provi li jikkonfermaw it-teżi tal-atturi appellanti, xorta waħda fit-tieni relazzjoni tiegħu iddetermina l-linja bl-istess mod li ddeterminaha fl-ewwel relazzjoni tiegħu meta kien għadu ma semax ix-xhieda.

»Dan in-nuqqas jirriżulta b'mod mill-aktar ċar u lampanti, u għalhekk hemm lok ta' reviżjoni ta' dak deċiż mill-ewwel qorti peress li l-ewwel qorti naqset milli tagħmel apprezzament tal-provi kollha prodotti u dan peress li skartat għal kollox ix-xiehda mressqa u fl-ebda ħin ma tat l-importanza meħtieġa, u dan meta għażlet li tistrieħ fuq *survey* li kkonduċa l-perit tekniku li bl-ebda mod ma jirrappreżenta x-xiehda in atti f'din il-kawża.

»Isegwi li kien hemm lok, *in vista* tal-provi prodotti fl-atti tal-kawża, li l-qorti ma tistrieħx fuq ir-rapport peritali iżda li tiddetermina fuq il-provi ċari li jikkostitwixxu l-punti fejn tinsab il-linja divisorja bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti kif deskritta aktar 'il fuq.«

13. Fl-appell inċidentali l-konvenut ukoll isostni li l-perit tekniku żbalja meta straħ unikament fuq il-kejl tal-art tal-atturi dikjarat fir-rikors tagħhom, kejl li minn analiżi tal-kuntratti u dokumenti li jinsabu fl-atti jirriżulta li huwa żbaljat. Igħid ukoll il-konvenut illi l-kejl tal-art tal-konvenut li wasal għalih il-perit tekniku wkoll huwa żbaljat. Iżid jgħid li meta wieħed iqis li l-proprjetà tal-atturi hija tal-kejl ta' tmint elef, ħames mija u sebgħin punt wieħed tmienja metru kwadru (8,570.18 m$^2$) – erba' mija u wieħed u għoxrin punt tmienja tnejn metru kwadru (421.82 m$^2$) iċken minn dak pretiż minnhom fir-rikors tagħhom – u li l-proprjetà tiegħu hija tal-kejl ta' sebat elef, sitt mija u sitta u sittin metru kwadru (7,666 m$^2$) – disgħa u sebgħin metru kwadru (79 m $^2$) aktar minn kemm igħidu l-atturi fir-rikors – m'hemm l-ebda *overlapping* bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti għaliex il-konfini tan-naħa tal-lvant jiġu jaqblu wkoll.

14. Kompla fisser dan l-aggravju waħdieni tiegħu hekk

»Fir-relazzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2008, il-Perit Tekniku Godwin Abela irrelata, fost oħrajn, bil-mod segwenti:

»"(...) il-linja trid tiġi stabbilita mill-fatt illi minn naħa tal-punent il-konfini ġew jaqblu u jiltaqgħu f'punt komuni waqt li minn naħa tal-lvant kien hemm *overlapping* żgħir tal-artijiet u allura ġie addottat il-prinċipju tal-punt medjan fejn il-linja ittieħdet f'nofs l-*overlapping*".

»Il-perit tekniku għadda sabiex ikkonkluda illi l-linja diviżorja kellha tkun eżattament f'nofs l-*overlapping* indikat minnu, u dan sabiex tali *overlapping* jiġi jappartjeni in kwantu għal nofs għall-appellanti, u n-nofs l-ieħor għall-esponent.

»L-ewwel qorti qablet ma' din il-konklużjoni fis-sentenza appellata, u għalhekk straħet fuqha.

»L-aggravju tal-esponent jirrigwarda, proprju, il-mod ta' kif il-perit tekniku, u konsegwentement l-ewwel qorti, iddeċidew illi kellu jiġi assenjat dan l-*overlapping*.

»Fil-fatt, Doris Camilleri, mart l-esponent, xehdet dwar tali *overlapping* fl-*affidavit* tagħha u spjegat għaliex, abbażi tal-kuntratti u tad-dokumenti esebiti, hija ma taqbilx ma tali konklużjoni, ossija:

»"Irrid nispjega illi għal perjodu ta' ċirka seba' (7) snin, u *cjoè* bejn wieħed u ieħor bejn l-1991 u l-1998, jien u żewġi konna ippermettejna li jintefa terrepien fl-għalqa *il-Bur tal-Barrieri*. Matul dan il-perjodu, fil-fatt, inxteħet ħafna terrapien, iżda dan it-terrapien dejjem intefa' sal-punt fejn jiena u żewġi konna minn dejjem ngħidu li tasal il-proprjetà tagħna.

»"Qed nesebixxi sett ta' tliet (3) ritratti li juru t-terrapien hawn fuq imsemmi u sa fejn dan jasal. Fil-fatt il-punt li semmejt hawn fuq kien jinstab, proprju, bejn it-terrapien li jinstab fil-proprjetà tagħna, u t-terrapien li jinstab fil-proprjetà tal-atturi, li ma jidhirx fl-istess ritratti. Nikkalkula li dan il-punt kien jinstab bejn il-ħajt għoli li jidher fl-istess ritratt, u ċ-ċint il-baxx li jidher fuq wara tat-terrapien.

»"… … …

»"… minkejja li, kif spjegajt, domna madwar seba' snin sħaħ nitfgħu t-terrapien imsemmi, ħadd min-naħa ta' Cassar qatt ma kellimna jew ipprova jwaqqafna. Addirittura, ħadd minnhom ma kellimna dwar din il-kwistjoni sa ftit qabel ma nfetħet il-kawża fl-2006.

»"Irrid ngħid illi, minkejja li fir-rikors ġuramentat tal-kawża l-atturi jgħidu li l-proprjetà tagħhom hija tal-kejl ta' ċirka tmient itmien, u cjoè ċirka 8,992 metri kwadri, fil-verità l-proprjetà tal-atturi hija iżgħar minn hekk.

»"Fil-fatt, fl-atti tal-bejgħ b'liċitazzjoni li għamlu referenza għalihom l-atturi stess, senjatament fir-relazzjoni tal-Perit Arkitett Renato La Ferla, l-art tal-atturi hija deskritta bħala tal-kejl ta' 95,015 piedi kwadri, u cjoè tmient elef tmien mija u sebgħa u għoxrin punt wieħed tmienja metru kwadru (8,827.18 $m^2$) u għalhekk ċirka mija u erbgħa u sittin punt tmienja tnejn metru kwadru (164.82 $m^2$) inqas minn dak illi jgħidu fir-rikors ġuramentat tal-kawża.

»"Aktar minn hekk, però, irriżulta illi, fil-mori tal-kawża hawn fuq imsemmija, John Cassar u l-eredi ta' Giulio Cassar biegħu l-proprjetà tagħhom lil Emanuel u Emanuela Mifsud.

»"Dwar dan il-bejgħ, John Cassar u l-eredi ta' Giulio Cassar kienu għamlu rikors – sabiex il-konjugi Mifsud ikunu jistgħu jassumu l-atti tal-kawża – u esebew ukoll kopja tal-kuntratt ta' trasferiment relattiv.

»"Minn dan il-kuntratt, jirriżulta ċar illi l-art tal-atturi, kif deskritta minnhom stess fuq l-istess kuntratt, hija tal-kejl ta' tmint elef ħames mija u sebgħin punt wieħed tmienja metru kwadru (8,570.18 m$^2$), u cjoè erba' mija u wieħed u għoxrin punt tmienja tnejn metru kwadru (421.82 m$^2$) inqas minn dak illi jgħidu fir-rikors ġuramentat tal-kawża.

»"Nispjega illi jiena ma naqbilx mal-konklużjoni tal-Perit Arkitett Godwin Abela għaliex, filwaqt illi l-perit ħadem fuq il-kejl korrett ta' 7,587 metri kwadri għal dak illi għandu x'jaqsam mal-għalqa tiegħi u ta' żewġi *il-Bur tal-Barriera*, huwa ħadem fuq kejl, li fl-opinjoni tiegħi huwa skorrett, ta' 8,992 metri kwadri għal dak illi għandu x'jaqsam mal-kejl tal-art tal-atturi.

»"Kif ġà spjegajt, l-atturi stess iddeskrivew l-art tagħhom bħala tal-kejl ta' 8,570.18 metri kwadri meta huma biegħu l-istess art lil Emanuel u Emanuela Mifsud permezz tal-kuntratt tas-6 ta' Ottubru 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Buġeja, u għalhekk huwa ċar, fil-fehma tiegħi, illi l-*overlapping* li semma l-Perit Abela, ma kien *overlapping* xejn fil-verità għaliex, jekk jitqies bħala tali, l-art tal-atturi ser tibqa' tal-istess daqs – tenut kont li l-kejl inizjali li ħa l-perit kien dak fil-fehma tiegħi skorrett ta' 8,992 metri kwadri – filwaqt illi l-art tiegħi u ta' żewġi ser tiċkien."

»Fil-fatt, mir-risposti għad-domandi in eskussjoni li saru lill-perit tekniku jirriżulta illi l-*overlapping* li ġie konstatat minnu huwa tal-kejl ta' ċirka 150 metri kwadri, u li huwa kien ikkonsidra li d-daqs tal-art tal-appellanti kien ta' 8,992 metru kwadru kif ġie dikjarat mill-appellanti stess fir-rikors ġuramentat promutorju tal-kawża.

»Aktar minn hekk, in eskussjoni, il-perit tekniku ikkonferma illi jekk wieħed kellu jqis l-art tal-appellanti bħala waħda tal-kejl ta' anqas minn dak illi ġie dikjarat mill-istess appellanti fir-rikors ġuramentat promutorju tagħhom – kif, wara kollox, jirriżulta mill-kuntratt tal-atturi stess – allura l-*overlapping* konstatat kien ser jiċkien.

»Madanakollu, huwa ċar u manifest illi jispetta lil kull attur f'kawża illi jressaq prova ta' dak illi huwa jallega fir-rikors ġuramentat promotorju tiegħu u, fil-każ odjern, mill-provi prodotti addirittura mill-appellanti stess, jirriżulta illi dak li ġie allegat minnhom, ossija li l-art tagħhom hija tal-kejl ta' 8,992 metri kwadri m'huwiex minnu, billi tali art hija ta' kejl ferm anqas minn hekk.

»Dan ifisser, fil-fehma umli tal-esponent, illi jekk wieħed iżomm mal-konfini tal-punent kif stabbiliti mill-perit tekniku, iżda jqis li l-proprjetà tal-appellanti hija tal-kejl ta' 8,570.18 metri kwadri – ossija kif iddikjaraw l-istess appellanti fuq il-kuntratt tagħhom stess tas-6 ta' Ottubru 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja – mhux ta' 8,992 metri kwadri kif pretiż mill-appellanti f'din l-istanza – liema kejl lanqas ma jaqbel mar-relazzjoni tal-Perit Arkitett Renato La Ferla, li saret fl-atti tas-*sub hasta* li permezz tagħha l-appellanti xtraw parti mill-proprjetà in kwistjoni – jirriżulta b'mod ċar u manifest illi fuq in-naħa tal-lvant ma jkun hemm l-ebda *overlapping* għaliex il-konfini jiġu jaqblu wkoll.

»Dan, fil-fehma umli tal-esponenti, huwa punt determinanti għal fini ta' din il-vertenza;

»Effettivament, minn analiżi tal-pjanti, tal-kuntratti, u tad-dokumenti esebiti fl-atti ta' din il-kawża, jirriżulta illi:

»(i) il-proprjetà tal-esponenti hija tal-kejl ta' 7,666 metru kwadru, ossija 79 metru kwadri aktar minn dak pretiż mill-appellanti fir-raba' paragrafu tar-rikors ġuramentat promotorju tagħhom, ossija 7,580 metru kwadru, kif ġie anke kostatat mill-perit tekniku fis-sitt paragrafu tas-sitt faċċata tar-relazzjoni tiegħu;

»(ii) il-proprjetà tal-appellanti hija tal-kejl ta' 8,570.18 metri kwadri, ossija 421.82 metri kwadri iċken minn dak pretiż mill-appellanti fl-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat promotorju tagħhom, ossija 8,992 metri kwadri, anke jekk l-appellanti kienu kawti ferm f'dan ir-rigward meta kkwalifikaw tali kejl bħala "ta' ċirka tmint itmien" fl-istess rikors ġuramentat.

»Id-diskrepanzi suriferiti, ammontanti għal 500.82 metru kwadru, jispjegaw l-*overlapping* li kkonstata l-perit tekniku fl-ewwel relazzjoni tiegħu, liema *overlapping*, għalhekk, fil-verità, ma jeżistix billi jinstab kollu kemm hu fil-proprjetà tal-esponent.

»Mis-sentenza appellata jirriżulta ċar illi l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra l-fatti hawn fuq esposti, osisja fatti bbażati fuq kuntratti u atti ġudizzjarji – u mhux fuq dak illi qalu diversi xhieda li kienu qiegħdin jixhdu mill-memorja ta' għexieren ta' snin ilu – qabel ma għaddiet ippronunzjat is-sentenza appellata.

»Madanakollu, l-esponent jemmen illi jekk kemm-il darba jiġi aċċettat illi l-kawża odjerna hija biss dwar il-linja diviżorja ta' bejn il-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti, u mhux dwar xi konfini oħrajn tal-istess artijiet, u ġjaladarba jiġi aċċettat illi l-proprjetà tal-appellanti hija tal-kejl ta' 8,570.18 metri kwadri, kif dikjarat mill-appellanti stess fuq il-kuntratt tas-6 t'Ottubru 2006, u mhux ta' 8,992 metri kwadri, għandu jirriżulta b'mod ċar u manifest illi l-*overlapping* li ġie konstatat mill-perit tekniku, tal-kejl ta' 150 metri kwadri, ma huwa xejn għajr parti mill-art tal-esponent;

»Għalhekk, fil-fehma umli tal-esponent, is-sentenza appellata timmerita li tiġi riformata fis-sens illi għandu jiġi dikjarat u deċiż illi l-art tal-esponent għandha tinkludi fiha wkoll il-parti intiera tal-*overlapping* li ġiet konstatata mill-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu, u li tidher fil-pjanta *a fol* 81 tal-proċess tal-kawża.«

15. L-atturi wieġbu kif ġej għall-aggravju tal-konvenut:

»Fir-risposta tiegħu l-appellat wieġeb li:

»• id-diversi xhieda prodotta ma setgħux jidentifikaw il-linja diviżorja oriġinali qabel ma beda jsir it-tqattigħ tal-blat mill-artijiet rispettivi tal-kontendenti. Din ma tistax tiġi determinata mill-memorja tax-xhieda prodotti imma trid tiġi stabbilita b'mod tekniku;

»• ir-ritratti mhumiex prova konkluživa;

»• mhux verosimili li t-travu tpoġġa eżatt fuq il-linja diviżorja imma probabilment tpoġġa biex jaġevola x-xogħol;

»• il-perit u l-qorti ma skartawx ix-xhieda li ġew prodotti.

»… … …

»Jiġi sottomess illi l-linja diviżorja bejn l-artijiet rispettivi tiġi stabbilita permezz ta' dokumenti, ritratti, kuntratti kif ukoll abbażi ta' xhieda u wara li ssir analisi tas-sit kif jinstab, imbagħad permezz ta' perizija teknika li tiegħu

in konsiderazzjoni danakollu, u mhux tiġi stabbilita biss permezz ta' tekniku kif qed jippretendi l-appellat u kif donna li għamlet l-ewwel qorti.

»L-esponenti għamlu dana l-eserċizzju u ressqu dawk il-provi kollha imma mhux kollox ittieħed in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti. Għall-esponenti, fir-ritratt mill-ajru *a fol.* 89 li ttieħed fl-1967 tidher il-barriera proprjetà tal-appellat, li diġà kienet tħaffret, fil-waqt li l-art fejn illum hemm il-barriera tal-appellanti ma kinetx għadha bdiet titqatta'. Dan ir-ritratt għandu importanza kbira għaliex juri ċarament fejn tibda proprjetà u tispiċċa oħra.

»Fejn kien hemm il-linja diviżorja ma jirriżultax biss mir-ritratt in kwistjoni, iżda jirriżulta u hu kkoroborat ukoll mix-xiehda *viva voce* li tressqu quddiem il-perit tekniku li lkoll kienu persuni li ħadmu fil-barriera tul iż-żminijiet u li indikaw, kemm fix-xiehda tagħhom, u anke fuq il-post, liema kienu l-marki li minn dejjem kienu meqjusa bħala l-marki li juru l-punt fejn tispiċċa proprjetà u tibda oħra. Issir hawn referenza partikolari għax-xiehda ta' Emanuel Mifsud, Salvu Zahra u Anthony Abdilla fost oħrajn.

»L-ewwel qorti skartat għal kollox il-marki, bħat-travu, li bl-aktar mod ċar jindika fuq in-naħa tal-punent ta' dawn il-barrieri fejn hemm il-linja diviżorja bejn iż-żewġ barrieri u li a bażi tagħha setgħet tasal għal konklużjoni 'l hinn minn dak li wasal għaliha l-perit. L-istess għamel il-perit meta skarta diversi provi li ressqu l-appellanti, wara li hu kien diġà ħejja l-ewwel relazzjoni, biex jindikaw permezz ta' xiehda u dokumenti fejn tinsab il-linja diviżorja. Iżda xorta waħda fit-tieni relazzjoni tiegħu l-perit iddetermina l-linja bl-istess mod li kien iddeterminaha fl-ewwel relazzjoni tiegħu meta kien għadu lanqas sema xiehda.

»... … …

»Meta wieħed jaqra r-risposta u l-appell inċidentali jirriżulta illi hemm ċertu *overlap* bejn l-argumenti li l-appellat qed iqajjem biex jilqa' għall-aggravji tal-appellanti u r-raġunijiet li qed jagħti biex jiġġustifika l-appell tiegħu.

»Il-Perit Abela irrelata li l-appellanti kienu akkwistaw l-għalqa (in parti barriera) (daqs ta' 8,992 mk) inkluż sqaq tul il-konfini tal-għalqa u li jifforma parti mill-istess għalqa. Is-*site plan* tal-għalqa in kwistjoni kienet saret mill-Perit Renato Laferla (pjanta *a fol.* 22). L-għalqa tal-appellanti kienet fl-istat kif spjegajt mill-perit Renato Laferla fir-relazzjoni tiegħu fl-atti tas-*sub hasta* eżibita. Fl-istess pjanta l-Perit Laferla jindika illi fit-tarf tal-art fejn tmiss mal-isqaq tar-rikorrenti u l-linja diviżorja hemm kamra. Iżda kif huwa indikat b'mod ċar fis-*survey sheet* tas-sena 1900, u fl-istess pjanta tal-Perit Laferla, din il-kamra qiegħda fil-proprjetà tar-rikorrenti. Illum il-ġurnata din il-kamra m'għadhiex teżisti.

»Skond il-Perit Abela il-linja diviżorja ġiet stabbilita minnu billi min-naħa tal-punent il-konfini jaqblu, waqt li fuq in-naħa tal-lvant hemm *overlapping* żgħir u għalhekk il-punt medjan ġie stabbilit billi l-linja ittieħdet f'nofs l-*overlapping*.

»Iżda l-Perit Abela wasal għall-konklużjoni teknika tiegħu meta (1) ma kellux jew ma rax pjanti dettaljati taż-żewġ artijiet qabel ma ġew mittifsa, [u] (2) kien hemm nuqqas ta' ħitan diviżorji jew sinjali oħra fejn darba kien jeżisti dan il-ħajt. Dawn id-dettalji però jinsabu fil-proċess kemm permess dokumenti eżibiti kif ukoll fix-xiehda prodotta.

»Jiġi rilevat li l-posizzjoni tat-travu u l-qtugħ tal-blat bil-magni u bil-baqqun huma indikazzjonijiet oħra ċari dwar minn fejn għandha tibda l-linja diviżorja min-naħa tal-isqaq.

»Għalhekk l-esponenti huma tal-fehma li hemm indikazzjonijiet ċari fl-atti ta' dawn il-proċeduri li juru li l-linja diviżorja għandha tkun kif qed isostnu l-esponenti u għalhekk li l-linja diviżorja għandha tkun mod ieħor u konsegwentement l-appell inċidentali tal-appellat għandu jiġi miċħud.«

16. Il-qorti ma tistax taqbel mal-atturi meta jgħidu illi l-ewwel Qorti u l-perit minnha maħtur ma tawx piż mistħoqq lix-xhieda li nstemgħu *viva voce* u lill-*aerial photographs* li jinsabu in atti. Kif jidher partikolarment mir-relazzjoni tal-perit, tqiesu kemm dak li qalu x-xhieda li ressqu l-partijiet kif ukoll l-*aerial photographs*, iżda tqiesu wkoll fatturi oħra oġġettivi bħalma huma it-titoli rispettivi tal-partijiet, is-*survey* tal-perit tekniku fuq is-sit kif jinsab fil-preżent, u l-kejl tal-barrieri rispettivi[1]. Dwar il-piż li seta' jingħata li xhieda *viva voce* li tressqu mill-partijiet, il-perit tekniku għamel dawn l-osservazzjonijiet:

»5.04 L-esponent, *inoltre*, jirriferi għas-smigħ tax-xhieda kif awtorizzat mill-istess qorti u jirrileva illi ħadd mix-xhieda ma' xehed b'mod konklużiv fejn kienet eżattament il-linja diviżorja. Kull minn ħadem fil-barrieri u xehed f'dawn il-proċeduri dejjem ftakar minn fejn kienu l-aċċessi għal dawn il-barrieri u fuq dan il-punt ma kienx hemm kontestazzjoni: ftakru fuq ir-rampa mibnija biex jinżlu t-trakkijiet u inġenji fil-barrieri, ftakru fit-travu tal-ħadid infilzat fil-ħajt bħala rinforz għar-rampa msemmija, ftakru li fl-aħħar qattgħu r-rampa u l-blat li kien baqa' però ħadd ma seta' jindika fejn kien il-ħajt diviżorju ta' bejn il-barrieri.

»5.05 L-esponent jirrileva wkoll illi meta sar it-tieni aċċess fuq talba tal-atturi kien hemm preżenti diversi persuni li kienu xehdu jew kellhom x'jaqsmu mat-tqattigħ tal-barrieri. F'dik l-okkażjoni wkoll ħadd ma seta' jindika b'mod preċiż fejn kienet il-linja diviżorja fuq il-konfini tal-punent li wara kollox kien il-konfini li fuqu hemm il-kontestazzjoni peress illi l-konfini tal-lvant seta jiġi stabbilit kif muri fir-relazzjoni tal-esponent fuq Dok B anness mal-istess relazzjoni.« [2]

---

1 Ara, b'mod partikolari, *foll.* 341 *et seq.*.

2 Ara *foll.* 249, 250 tal-proċess. Ara wkoll *foll.* 341, 342.

17. Kompla josserva l-perit illi "*ħadd ma mmarka xejn fuq is-siti in kwistjoni; avolja x-xiehda tkun korretta, dejjem isiru referenzi għal punti mhux immarkati u allura dejjem approssimattivi*"[3].

18. Sewwa għamel għalhekk il-perit tekniku meta ta aktar piż lil xiehda aktar oġġettiva mill-memorja ta' dawk li xehdu *viva voce*.

19. Dwar l-*aerial photographs* il-perit tekniku osserva illi "*distanzi mkejlin minn aerial photographs huma approssimattivi*"[4] u għalhekk ma setax joqgħod fuqhom biss biex jasal għall-linja diviżorja.

20. Il-Qorti ma tarax għalhekk illi tista', bis-saħħa tal-argumenti mressqa mill-atturi fl-aggravji tagħhom, imsejsa l-aktar fuq dak li qalu x-xhieda, tiskarta l-konklużjoni teknika msejsa fuq fatturi aktar oġġettivi.

21. Il-Qorti tgħid ukoll iżda illi ma taqbilx mal-perit tekniku illi fil-liġi hemm xi "*prinċipju tal-punt medjan*" meta jkun hemm sovrapożizzjoni tal-pretensjonijiet tal-partijiet. Ma tistax, għax il-partijiet ma jaqblux bejniethom, taqta' għad-dritt u taqsam id-differenza għax b'hekk tkun qiegħed tabdika mill-obbligu li tqis il-meritu tal-pretensjonijiet rispettivi. Din tkun soluzzjoni sempliċistika li ma tagħmilx ġustizzja. Għandhom raġun għalhekk il-partijiet jilmentaw minn dan il-metodu li bih mexa l-perit tekniku.

22. Jidher fil-fatt li għandu raġun il-konvenut meta jgħid illi l-perit tekniku ma tax il-piż mistħoqq lill-kejl li għandhom l-artijiet u li, jekk timxi fuq il-kejl tassew, ma jkun hemm ebda *overlapping* fuq in-naħa tal-lvant tal-art tal-atturi.

---

3 *Fol*. 342.

4 *Fol*. 341.

23. Fiż-żewġ relazzjonijiet tal-perit tekniku m'hemm l-ebda referenza għall-kejl dikjarat fl-atti tal-bejgħ b'liċitazzjoni tat-3 ta' Ġunju 1975 li bih Giovanni Cassar u Marianna Camilleri, l-awturi fit-titolu tal-atturi, kienu kisbu l-art *ta' Sejba* llum tal-atturi[5]. Il-kejl superfiċjali tal-art li akkwistaw Giovanni Cassar u Marianna Camilleri huwa ndikat fuq dan id-dokument li huwa ta' "*ċirka 7 tmien, 5 sigħan u kejla*". Minflok, il-perit tekniku straħ fuq il-kejl dikjarat mill-atturi Cassar fir-rikors li bih infetħet il-kawża fejn qalu li l-kejl superfiċjali tal-barriera tagħhom kienet "*ta' ċirka tmint itmien*", kif ukoll fuq il-kejl dikjarat fil-kuntratt tad-9 ta' Lulju 1975[6] li bih John u Giulio aħwa Cassar kisbu l-art mingħand missierhom Giovanni Cassar, fejn ukoll jingħad illi l-kejl huwa ta "*ċirka tmint itmien*". Il-perit waqt l-eskussjoni wieġeb illi "*l-kejl superfiċjali tal-art tal-atturi ittieħed bħala 8,992 metri kwadri kif muri fuq il-pjanta a fol. 88 tal-proċess*"[7]. Tomna fiha elf, mija u erbgħa u għoxrin metru kwadru (1,124 m$^2$) u tmint itmien jiġu appuntu tmint elef, disa' mija u tnejn u disgħin metru kwadru (8,992 m$^2$). Il-kejl indikat fuq l-att tal-akkwist b'liċitazzjoni tat-3 ta' Ġunju 1975 huwa ta' sebat itmien, ħames sigħan u kejla, li jiġi daqs tmint elef, tmien mija u tlieta u għoxrin metru kwadru u nofs (8,823.50 m$^2$)[8], li jiġi qrib ħafna tal-kejl ta' ħamsa u disgħin elf u ħmistax-il pied kwadru (95,015 p$^2$), jew tmint elef, tmien mija u sebgħa u għoxrin punt wieħed wieħed metru kwadru (8,827.11 m$^2$)[9], indikat mill-perit tekniku maħtur fl-atti tal-bejgħ *sub hasta* li

---

5 *Foll.* 9 *et seq.*

6 *Fol*. 6.

7 *Fol.* 343.

8 7 T × 1,124 m$^2$/T = 7,868 m$^2$; 5 S × 187.35416 m$^2$/S= 936.77 m$^2$; 1 K = 18.73 m$^2$; 7,868 + 936.77 + 18.73 = 8,823.50 m$^2$.

9 95,015 p$^2$ ÷ 10.764 p$^2$/m$^2$ = 8,827.11 m$^2$.

bih Giovanni Cassar u Maranna Camilleri kienu kisbu l-art fl-1975[10]. Għandu jingħad ukoll illi meta l-atturi konjuġi Mifsud xtraw l-art mingħand l-atturi l-oħra l-kejl indikat fuq il-kuntratt kien ta' tmint elef, ħames mija u sebgħin punt wieħed tmienja metru kwadru (8,570.18 m$^2$), li huwa wkoll anqas minn dak miksub fil-bejgħ *sub hasta*.

24. Naturalment, l-atturi ma setgħux kisbu kejl akbar minn dak li kellhom l-awturi tagħhom. In-nuqqas fil-kejl tal-art li kisbu l-awturi tal-atturi meta mqabbla mal-kejl indikat fir-rikors tal-atturi u li fuqu qagħad il-perit maħtur mill-ewwel Qorti hija bejn mija u ħamsa u sittin u mija u disgħa u sittin metru kwadru (165-169 m$^2$), li huwa aktar mill-*overlap* ta' mija u ħamsin metru kwadru (150 m$^2$) li sab il-perit maħtur mill-ewwel Qorti.

25. Meta tqis illi l-konfini fuq in-naħa tal-lvant tal-art huma ċari u l-konflitt huwa fuq in-naħa tal-punent, jekk mill-kejl tal-art tal-atturi kif indikat fir-rikors maħluf li fuqu qagħad il-perit tekniku titnaqqas id-differenza fil-kejl imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, il-konflitt bejn il-konfini jispiċċa.

26. Tassew illi l-avarija fil-kejl hija anqas minn wieħed minn għoxrin, iżda l-liġi tippermetti din l-avarija fir-relazzjonijiet bejn bejjiegħ u xerrej[11] mhux f'relazzjonijiet bejn terzi u, barra minn hekk, il-kejl tal-art tal-atturi kien stabbilit bil-mezz ta' perizja għall-għanijiet ta' bejgħ taħt l-awtorità tal-Qorti, u għalhekk ma għandux jitqies bħala biss approssimattiv. Meta mbagħad tqis illi d-differenza fil-kejl tal-art tal-atturi hija qrib ħafna tal-kejl tal-art kontestata – u anzi hija kemmxejn akbar – il-konklużjoni ssir kważi

10 *Fol.* 20.

11 Artt. 1401 u 1402 Kod. Ċiv.

inevitabbli illi l-*overlap* huwa dovut mhux minħabba konflitt fil-konfini iżda għall-fatt illi l-atturi qegħdin jippretendu li għandhom art aktar milli għandhom dritt għaliha. Meta tqis ukoll illi l-kejl tal-art tal-konvenut, ukoll kif murija fuq il-pjanta *a fol.* 81 li fuqha qagħad il-perit tekniku – u bla ma tqis l-argument tal-konvenut li għandha tkun disgħa u sebgħin metru kwadru (79 $m^2$) akbar – ma tirkibx fuq l-art tal-atturi meta din tkun imkejla skond it-titolu tal-akkwist tagħhom, ftit li xejn jibqa' dubju kontra t-teżi tal-konvenut. Mejqusa l-kejlijiet rispettivi tal-artijiet tal-partijiet, u illi l-art tal-atturi hija anqas minn kemm muri fuq il-pjanta *a fol*. 81 tal-proċess, il-linja li taqsam l-artijiet tiġi li hija dik murija bl-ittri E-F-C-D bil-kulur oranġjo fuq il-pjanta *a fol.* 81 u mhux dik bl-ittri A-B-C-D bil-kulur blu fuq l-istess pjanta.

27. L-aggravju tal-konvenut, għalhekk, jixraq illi jintlaqa'.

28. Il-Qorti għalhekk tħassar is-sentenza appellata u tiddisponi kemm mill-appell ewlieni u minn dak inċidentali billi a) l-ewwel talba tal-atturi tilqagħha fis-sens illi l-linja li taqsam l-art tal-atturi minn dik tal-konvenut hija dik immarkata bl-ittri E-F-C-D bil-kulur oranġjo fuq il-pjanta *a fol*. 81 tal-proċess, u tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet.

29. L-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet u dawk tal-appell u tal-appell inċidentali jħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da